

32003D0022(01)

15.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 9/39

ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-18 ta' Diċembru 2003****li temenda l-artikolu 1(f) tad-deċiżjoni BĊE/2001/16 tas-6 ta' diċembru, 2001, dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002****(BĊE/2003/22)****(2004/48/KE)**

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 32,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2001/16 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002 ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1(f) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/16 "skema tal-kapital sottoskritt" jiddefinija b' referenza għad-Deċiżjoni BĊE/1998/13 tal-1 ta' Diċembru, 1998, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/17 tat-18 ta' Diċembru, 2003 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾ tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/1998/13 b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004, u tistabbilixxi l-proporzjonijiet il-ġodda assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn issa 'l quddiem "il-proporzjonijiet fl-iskema kapitali").
- (3) L-Artikolu 1(f) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/16 għalhekk irid jiġi emendat għall-iskop biex jiġi allokati id-dħul monetarju tal-BĊNi ta' l-Istati Membri li addottaw l-ewro mis-sena finanzjarja 2004. Din l-emenda għandha tintroduċi definizzjoni ġenerali tat-terminu "skema tal-kapital sottoskritt" biex jiġu evitati emendi oħra lid-Deċiżjoni BĊE/2001/16 kull darba li l-iskema kapitali tal-BĊE tiġi aġġustata.
- (4) Biex tintlaħaq konsistenza bejn id-dħul li jagħmel il-BĊE fl-ewwel trimestru ta' l-ewwel sena, liema sena għandha tkun dik minn meta japplika kull aġġustament ta' kull ħames snin, u d-dħul tal-BĊE distribwit fl-aħħar ta' dak it-trimestru, huwa meħtieġ biex tidderoga mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/16 biex jiġi żgurat li d-dħul magħmul f' Jannar ta' dak it-trimestru huwa wkoll ikkalkulat abbażi tal-proporzjonijiet fl-iskema kapitali l-ġdida,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi għad-Deċiżjoni BĊE/2001/16

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/16 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1(f) huwa sostitwit b' li ġej:

"(f) 'l-iskema tal-kapital sottoskritt' għandha tfisser l-ishma tal-BĊNi (irrappreżentati bħala persentaġġi) fil-kapital sottoskritt tal-BĊE, li jirriżultaw mill-applikazzjoni, għall-BĊNi, tal-proporzjonijiet fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 ta' l-Istatut u kif applikabbli għas-sena finanzjarja rilevanti."

2. Is-subparagrafu li ġej huwa sostitwit ma' l-Artikolu 2(1):

"Il-bilanċi interni għall-Ewrosistema dwar il-karti tal-flus ewro fiċ-ċirkulazzjoni, għandhom, għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar ta' l-ewwel sena, liema sena għandha tkun dik minn meta japplika kull aġġustament ta' kull ħames snin skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut, jiġu kkalkulati abbażi ta' l-iskema aġġustata tal-kapital sottoskritt applikata għall-bilanċi dwar it-total tal-karti tal-flus ewro fiċ-ċirkulazzjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel."

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet Finali

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2004.
2. Din id-Deċiżjoni se tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-18 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kunsill Regolatorju tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 337, ta' l-20.12.2001, p. 55.⁽²⁾ ĠU L 125, tad-19.5.1999, p. 33.⁽³⁾ ĠU L 9, tal-15.1.2004, p. 27.